MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 1047/2000/1

**Avviz numru 1047/2000DM**

**Cutrico Services Limited**

**Vs**

**Carmelo Farrugia Melfar Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti ghall hlas ta' somma ta' seba' mija u disghin liri Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm790.56) bilanc minn somma akbar, prezz ta' "airconditioning units" u "pump set" lilhu mibjugha, kkonsenjati u installati fuq inkarigu tieghu stess, kif ukoll ghall service charge.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 t'Ottubru 1999 u bl-imghaxijiet legali mill-11 t'Ottubru 1999 sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta konvenuta ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn eccepiet illi:

1 It-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li l-"airconditioning units" ikkonsenjati ma kienux skond il-kwalita pattwita u ghalhekk is-socjeta konvenuta mhijiex tenuta thallas l-ammont mitlub mis-socjeta attrici;
2 Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub mis-socjeta huwa eccessiv;
3 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi

Rat id-digriet tad-19 ta' Jannar 2001 fejn gie nominat lil Peter Bonello bhala espert tekniku.

Rat in-nota tal-atturi pprezentata fis-7 ta' Jannar 2002

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku pprezentat fil-11 ta' Lulju 2002;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-konvenuti qeghdin jirrezistu t-talba tal-atturi ghal-hlas tas-somma ta Lm790.56 (seba' mija u disghin lira Maltin u sitta u hamsin centezmi) mhux biss minhabba illi huma jikkontendu illi l-prezz huwa eccessiv, izda wkoll

minhabba l-fatt illi jsosstnu li l-istess ‘airconditioners’ ma kienux ta’ l-kwalita’ pattwita u ghalhekk is-socjeta konvenuta m’ghandiex tkun tenuta li thallas l-ammont mitlub mill-attrici.

Minhabba din l-eccezzjoni l-Qorti nnominat perit tekniku sabiex jikkonstata l-kundizzjoni, efficjenza u kwalita’ tal-istess ‘air conditioners’ u jirrelata dwar jekk l-istess apparat kienx idoneu ghal htigijiet tal-kumpanija konvenuta. Pero’ kif jirrizulta mir-relazzjoni teknika, il-perit tekniku ma setghax jghamel l-indagni rikjesta minnhu, billi l-istess ‘air condition units’ waqt l-access instabu fi stat li ma jistghux jigu ezaminati u imhaddmin u ghaldaqstant il-perit tekniku ma setghax jikkonferma dak illi qeghdin isosstnu l-konvenuti.

Jirrizulta wkoll mill-istess relazzjoni illi l-konvenuti kienu huma stess li qalghu l-‘air conditioners’ minn posthom biex bidluhom ma ohrajn, u evidentement ma hadux hsieb illi jissalvagwardaw l-istess units biex ihalluhom f’posizjoni li jkunu jistghu facilment jigu ezamintati biex tista’ tigi kkonstatata l-pretensjoni taghhom illi dawn ma kienux idonei u mhux tal-kwalita’ patwita.

Ghaldaqstant jirrizulta illi l-konvenuti ma waslux ghal prova li l-‘air conditioners’ lilhom ikkonsenjati u istallati mill-kumpanija attrici ma kienux tal-kwalita’ patwita.

Ghal dak li jirrigwarda t-tieni eccezzjoni tal-istess konvenuti li l-ammont mitlub huwa eccessiv, il-provi jikkonsistu esklussivament fid-deposizzjoni ta’ John Cutajar, prodott mill-kumpanija attrici, illi esebixxa l-invoices relattivi u li ma gewx ikkontestati minn Joseph Farrugia fid-deposizzjoni tieghu tat-30 ta’ Jannar tas-sena 2003.

L-istess Joseph Farrugia kien illimita ruhu biex jibqa jsosstni illi l-istess apparat ma kienx idoneu ghal dak li kellha bzonn il-kumpanija konvenuta izda stqar illi kien pront illi izomm l-istess apparat u jonora l-bejgh jekk isir riduzzjoni fil-prezz. Din id-dikjarazzjoni ma timplikax bil-

fors li l-prezz kien eccessiv u anzi timmilita kontra l-allegazzjoni ta nuqqas ta idoneita'

Ghalhekk il-konvenuti ma waslux ghal provi rikjesti minnhom ghar-rigward taz-zewg eccezzjonijiet minnhom opposti ghat-talba attrici u ghalhekk qedgha tirrespingi l-istess eccezzjonijiet u konsegwentement tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi l-ammont mitlub ta' Lm790.56 (seba' mija u disghin lira Maltin u sitta u hamsin centezmi) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mit-18 t'Ottubru tal-1999;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------